**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 07/07 - 2 t'Ottubru 2013**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | *skużat* |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *skużat* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji: Skeda ta' Pagamenti
4. Attivitajiet dwar il-Ġnien St. Marija il-Ħadd wara nofsinhar
5. Xogħlijiet Infrastrutturali
6. Rapport mill-Kunsillieri
7. Ħwejjeġ Oħra
8. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa 06/07 tal-Ħamis 22 t'Awwissu fil-5.30pm ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Il-Kunsillier Frans Agius qal li kellu laqgħa mas-Sur Joe Bonello tal-MTA. Is-Sur Bonello offra li l-Kunsill jidħol f'Agreement mal-MTA sabiex l-Information Kiosk ta' quddiem it-Tempji Neolitiċi titmexxa mill-MTA. Din l-istess Awtorita' timpjega hi lil xi ħadd li jieħu ħsieb din il-kiosk għas-spejjeż tagħha. Il-Kunsill jista' ukoll jkun preżenti għal din l-għażla. Jekk dan l-Agreement isir, ikun l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu għan-Nofsinhar ta' Malta. L-MTA ser tieħu ħsieb li tmexxi u/jew tqassam saħansitra l-materjal tal-Kunsill mingħajr ħlas. ERDF – Proposta ta' Agreement mal-MTA

i.i Jekk il-Kunsill jaqbel ma' dan is-suġġeriment, trid tintbgħat ittra liċ-Chairman Dr Gavin Gulia sabiex ninfurmawh b'dan il-ħsieb u nitolbuh sabiex jevalwa l-possibilta' li din l-Information Kiosk titmexxa mill-MTA flimkien mal-Kunsill.

i.ii Il-Kunsill qabel unanimament.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Awtorita' tad-Djar ħalsitna s-somma ta' €73500 għall-Proġett ta' Tisbieħ ta' bejn il-Blokki ta' Luqa Road. Is-somma ta' €64,943 ġiet mħallsa lill-Kuntrattur sabiex b'hekk ġie ssetiljat l-bilanċ dovut lilu. Proġett-Tisbiħ bejn Blokki f'Luqa Road

ii.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Vincent Schembri, għaddielu kopja tal-Kuntratt datat 6 ta' Marzu 2008. Vince Schembri

ii.ii Ġie ssuġġerit li tintbgħat ittra liċ-Chairman tad-Dipt. tal-Artijiet sabiex forsi lis-Sur Vincent Schembri tiġi allokata lilu biċċa art oħra minflokk il-biċċa in kwistjoni. Is-Seg. Eżek. ser jieħu ħiseb jibgħat din l-ittra.

iii Dwar ir-restawr tan-Niċċa tal-Kunċizzjoni li hemm fi Triq Xintill ma Sqaq Xintill Nru 2, is-Sindku qal li l-istima li bgħatilna l-Kuntrattur tammonta għal €1864. Mill-grant li dan il-Kunsill ibbenefika minnha, fadal bilanċ ta €1230. B'hekk il-Kunsill mill-fondi tiegħu jkollu joħroġ is-somma ta' €634. Restawr tan-Niċċa Tal-Kunċizzjoni

iii.i Il-Kunsill qabel unanimament li titħallas is-somma €634 u tiżdied mal-bilanċ li fadal u b'hekk jiġu koperti l-ispejjeż kollha fuq-ir-restawr tan-Niċċa tal-Kunċizzjoni. Is-Seg. Eżek. ser jinforma lill-kuntrattur sabiex jinbeda ix-xogħol.

iv Rigward il-PPP, is-Seg Eżek ipprepara rapport li ġie ppreżentat lill-Kunsillieri, fejn juri li l-Kumpanija GO għandha tirrifondi lura lill-Kuntrattur Vella Group madwar €17000 għal xogħlijiet li diġa għamel f'isimha. Irriżulta li meta Vella Group ippreżenta l-kontijiet lil dan il-Kunsill ma naqqasx dan il-valur. Għalhekk is-Seg. Eżek. informa b'dan lis-Sur Jimmy Vella f'isem il-kumpanija Vella Grupp. Is-Sur Jimmy Vella kkonferma dan u sar qbil verbali li ladarba l-GO tħallas lil Vella Group is-somma mitluba, min-naħa tiegħu imbagħad il-kuntrattur joħroġ Credit Note lill-Kunsill Lokali għall-istess valur. PPP u Resurfacing

v Rigward il-ground 5 aside, is-Sindku nforma lil Kunsill li x-xibka nqalgħet kif maqbul fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti. 5 aside Ground

v.i Is-Sindku kompla jgħid li peress li l-Perit jinsab imsiefer għadu ma ppreżentax r-rapport mitlub lilu mill-Assikurazzjoni.

vi **Razzett fl-akkwati ta' Triq San Tumas** — Dwar il-każ tar-razzett li hemm fi Triq San Tumas, is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ittra, tqassmet lir-residenti kif ġie maqbul fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill

vii **Armar ta' Ġonna minn NGO** — Rigward l-armar ta' dawl fil-ġonna, is-Sindku ikkonferma mal-Kunsillieri li kopja tal-email li rċevejna bħala risposta mingħand id-Dipt. Gvern Lokali ġiet ċċirkolata lil kull wieħed u waħda minnhom..

viii **Donazzjoni "Actavis Lifecycle"** — Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward l-email mingħand is-Sinj. Josette Darmenia bis-suġġett "Plea for Actavis Lifecycle Sponsorship" fejn dawn mingħand kull Kunsill Lokali kienu qed jitolbu donazzjoni ta' €100, id-Dipt Gvern Lokali nformana li din ma tistax issir.

ix **Ħlas ta' Fuel** — Rigward l-użu ta' vann ieħor relatat ma xogħol tal-Kunsill u l-ħlas tal-fuel għal dan l-użu, is-Sindku kkonferma mal-Kunsillieri li kopja tal-email li rċevejna bħala risposta mingħand id-Dipt. Gvern Lokali ġiet ċċirkolata lil kull wieħed u waħda minnhom

x **Berġa** — Rigward il-Bereġ, is-Sindku qal li wara li rċevejna korrispondenza mingħand l-AKL sabiex il-Kunsilli ma jagħmlux xogħol infrastrutturali fuq il-Bereġ, huwa kkuntatjahom u staqsihom peress li l-bini li qed jintuża bħala Berġa huwa proprjeta' tal-Kunsill, jistax isir xi xogħol ta' manutenzjoni. L-AKL ikkonfermat li dan il-Kunsill jista' jipproċedi bix-xogħol.

x.i Il-Kunsillier Frans Agius talab sabiex jiġi rreġistrat li l-Health Dept. qegħdin jagħmlu użu mill-bini proprjeta' tal-Kunsill bħala Berġa fil-lokal.

xi **Tenders** — Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-tenders għalqu pero ma ġewx miftuħa peress li s-Seg. Eżek. f'dak il-jum kien indispost. Għalhekk il-kaxxa tat-tenders infetħet biss sabiex jiġu magħdudha l-envelopes mitfugħa.

xi.i Ġie maħtur Bord sabiex jinfetħu l-envelopes. Il-membri ser ikunu :- Is-Sindku, Is-Seg. Eżek., kif ukoll il-Kunsilllieri Frans Agius u Ishmael Dalli. Dawn it-tenders ser jinfetħu nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru 2013 fi 3.00pm. Il-Kuntratturi ser ikunu mgħarfa b'dan.

xii **Diskepanzi fit-tenders ta' Skips u Concrete** — Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntbgħatet l-ittra lill-Kuntrattur dwar id-diskrepanzi li nstabu fil-kontijiet ppreżentati għal servizz ta' konkos. Qal ukoll li sa' laqgħa oħra li jmiss ser tintbgħat ukoll l-ittra dwar id-diskrepanzi fil-prezzijiet għal servizz mogħti ta' skips u bins on wheels.

xii.i Is-Sindku ppreżenta lil kull Kunsillier tabella li turi d-diskepanzi li jeżistu fil-kontijiet mill-Kuntrattur. Id-diskrepanzi kienu :- (i) €12,496 mħallsa żejda fuq skips u/jew bins on wheels u (ii) €2,567 fuq konkos.

xii.ii Is-Seg. Eżek. spjega li ladarba hu kien induna b'dawn id-diskrepanzi kien ikkuntattja mill-ewwel lill-Kuntrattur fejn infurmah li r-rati li kien qed jiċċarġja lill-Kunsill ma kienux bħal dawk sottomessi minnu fit-tender.

xii.iii Is-Seg. kompla jispjega lill-Kunsill li l-Kuntrattur kien qallu li r-rati mitfugħa fit-tender ma kienux dawk riflessi fil-kontijiet għall-fatt li l-prezz tal-konkos kien għola u għalhekk kien żied il-prezzijiet. Is-Seg. Eżek. spjegalu li dan ma setgħax jaqbad u jagħmlu mingħajr ma jikteb lill-Kunsill u jinfurmah b'dan. U barra dan f'każ li l-Kunsill jirċievi tali ittra, is-Seg. Eżek. ikun obbligat li jitlob linji gwida mingħand id-Dipartiment Gvern Lokali dwar kif għandu jipproċedi.

xii.iv Il-Kunsill qabel li dan il-Kuntrattur għandu jirrifondi lura lill-Kunsill l-flus żejda mħallsa lilu.

xiii Rigward il-laqgħa tal-lokalita', is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li ser issir nhar il-Ħamis 10 t'Ottubru 2013 fis-7.00pm fiċ-Ċentru Komunitarju. Il-Kunsillieri ġew mitluba jibgħatu rapport tax-xogħol li għamlu f'din l-aħħar sena.

## 3 Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti

i Il-Kunsillieri Frans Agius u Ishmael Dalli talbu sabiex l-Iskeda ta' Pagamenti tibda tintbgħat ftit jiem qabel il-laqgħa sabiex jilħqu jevalwawha. Is-Seg. Eżek. ikkonferma li ser jibda jagħmel hekk.

ii. Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku s-Sur Joseph Abela, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

iii. Is-Sindku ppreżenta lill-Kunsillieri tabella ppreparata mill-Accountant tal-Kunsill tal-infieq u tad-dħul li għandu l-Kunsill sal-aħħar tas-sena 2013.

## 4. Attivitajiet dwar il Ġnien St. Marija il Ħadd wara nofsinhar

Dawn l-attivitajiet ser jiġu posposti għas-sena d-dieħla.

## 5 Xogħlijiet Infrastrutturali

i Fuq suġġeriment tas-Seg. Eżek. il-Kunsill qabel li dawn ix-xogħlijiet jiġu diskussi f'laqgħa oħra tal-Kunsill sabiex b'hekk tilħaq issir il-laqgħa diġa skedata li ssir mal-Accountant u nistennew il-pariri finanzjajri tiegħu.

## 6 Rapport tal-Kunsillieri

*Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

i Is-Sur Agius qal li l-Korsijiet tal-Artiġjanat bħal parċmina, ganutell, ħjata u beading ser jibdew għall-Ottubru.

ii Is-Sur Agius informa lill-Kunsill li għall-kors tal-Malti applikaw madwar 16–il ruħ u dan il-kors ġie aċċettat li jsir u ser jibda f'Ottubru.

Il-Kunsill qabel.

iii Is-Sur Agius qal li skond il-ftehim iffirmat ma TCTC issa wasal iż-żmien li jinfetħu żewġ korsijiet oħra, dawk għall-adulti fuq livell ta' Beginners u ieħor tal- ECDL. Informa lill-Kunsill li jrid isir ħlas ta' madwar €1500.

Il-Kunsill qabel li jsir dan il-ħlas u li jsiru dawn iż-żewġ korsijiet.

iv Is-Sur Agius qal li f'isem il-Kunsill qed jattendi f'Kumitat li qiegħed jaħdem fuq proġett kulturali fir-raħal li hu l-Oratorju tal-Annunzjata. Żmien ilu s-Sur Alfred Massa kien kiteb Oratorju (speċi ta' storja) dan il Kumitat qiegħed taħt l-awspiċju tal-knisja. Dan l-Oratorju jrid jiġi saħansitra mużikat. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jipparteċipa kif jista.

Il-Kunsill qabel li jipparteċipa kif jista'.

v Is-Sur Agius qal li flimkien mas-Sindku attendew għal-laqgħa Ħal Tarxien maż-Żmenijiet, fejn sar ftehim magħhom sabiex jibdew jiġu organizzati ħarġiet kulturali. Dawn l-attivitajiet isiru taħt l-Awspiċju tal-Kunsill lokali. L-ewwel ħarġa hija ppjanata għas-Sibt 16 ta' Novembru 2013. Din l-ewwel ħarġa ma tinvolvix flus pero sar suġġeriment li minn jattendi jagħti imqar donazzjoni.

*Rapport Mill-Kunsillier Keith Darmanin*

i Is-Sur Darmanin qal li l-lezzjonijiet tal-aerobics bdew u bħalissa qed isiru fis-Sala tar-

Rainbows.

ii Is-Sur Darmanin qal li ġurnata għall-Kemmuna saret u kienet suċċess.

iii Is-Sur Darmanin qal li flimkien mal-Ispettur tal-pulizija s-sur Joseph Mercieca ser jorganizza laqgħa' għar-residenti nhar it-Tnejn 21 t'Ottubru 2013 fis-6.30pm ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

iv Il-lezzjonijiet taz-ZUMBA ser jiġu posposti għas-sena d-dieħla. Il-prezz maqbul mat-tutor huwa ta' €350 u jsiru 7 lezzjonijiet.

v Is-Sur Darmanin ssuġġerixxa biex l-Aerobics jibqa' għaddej sa Marzu tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill qabel li jsir hekk.

vi Is-Sur Darmanin talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jivverifika mad-Dipt. Gvern Lokali jekk jistgħux isiru stickers rigward in-Neighbourhood Watch. Is-Seg. Eżek. ser jirraporta bit-tweġiba f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

*Rapport mill-Kunsillier Ishmael Dalli*

i Is-Sur Dalli qal li f'isem il-Kunsill kien qed jipparteċipa fi proġett Ewropew bl-isem C-Liege. Dan il-proġett kien iffokat sabiex isiru miżuri fuq immaniġġjar aħjar tat-traffiku. Kompla jirraporta li TM dan is-sajf approvat il-miżuri proposti. Il-miżuri kienu li fi Triq Dejma ma jgħaddux "heavy vehicles" jekk mhux biex jagħtu servizz f'dik it-triq u minn jagħti servizz ser ikollu indikazzjoni ta' ħin. Għall-bidu dawn il-miżuri ser ikunu temporanji filwaqt li jekk ir-rapport ikun pożittiv nistgħu napplikaw għal implimentazzjoni iktar fit-tul.

ii Is-Sur Dalli qal li fuq dan l-istess proġett ser issir Konferenza fi Brussel li għaliha ser jattendi hu.

iii Dwar dan il-punt il-Sindku rraporta li l-ewwel ma stiednu kienu lilu, pero hu rrefera l-istedina għall-Kunsillier responsabbli u għalhekk ser jattendi l-Kunsillier Ishmael Dalli. Is-Sur Dalli rringrazzja ta' dan lis-Sindku.

Iv Is-Sindku rraporta wkoll li peress li l-Kumpanija responsabbli minn dan il-proġett apparti li fil-post jitwaħħlu xi tabelli bil-miżuri imsemmija, talbu li jkun hemm ukoll l-assistenza tal-gwardjani lokali. Is-Sindku kompla li dwar dan għamel kuntatt mal-Viċi Sindku peress li huwa wkoll l-President tar-Reġjun fejn talbu l-assistenza sabiex jaraw kif jistgħu jiġu allokati xi wardens mir-rotta ta' Ħal Tarxien fi Triq Dejma. Peress li l-Viċi Sindku jinsab imsiefer ser jagħmel kuntatt miegħu ladarba jirritorna lura Malta u jagħmel rapport f'laqgħa oħra li jmiss.

*Rapport mill-Kunsillier Doris Vella*

I Is-Sinj. Vella tat rendikont tal-BBQ li organizzat flimkien mas-Sindku fi Ġnien Veliko Turnovo. Il-bilanċ li fadal minn din l-attivita' wara li tħallsu l-ispejjeż huwa ta' €130.00.

ii Is-Sinj. Vella qalet li ser torganizza attivita' soċjali oħra nhar l-24 t'Ottubru 2013 fil-Peristyle.

Iii Is-Sinj. Vella qalet ukoll li ser torganizza ikla fi 12 ta' Diċembru 2013 fis-Soreda Hotel.

i **<u>Ħwejjeġ Oħra</u>**

ii Is-Sindku qal li biex tittaffa naqra l-inkonvenjent li hemm fejn l-iskola qed jissuġġerixxi li jintefa ftit konkos u wara jsiru xi sinjali fl-art sofor.

Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-website page tal-Kunsill ser tingħalaq għall fatt li mhemmx min jieħu ħsiebha u minnflokk ser tinfetaħ facebook page tal-Kunsill. Ir-ritratt tal-faċċata ser ikun tal-ġurament tal-Kunsillieri. Fih ser jiġu rrapurtati attivitajiet u xogħol li sar mill-Kunsill. Facebook

Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

iv Is-Sindku qal li qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jipprovdi boroż sabiex jitqassmu lil residenti li għandhom il-kelb sabiex b'hekk meta joħorġu l-pet tagħhom ma jħammġux barra. Fuq stima li ġabar għall-20000 borża il-prezz huwa ta' €1950. Huwa ssuġġerixxa li dan il-proġett isir flimkien mal-Kunsilli ġierien ta' Raħal Ġdid u Fgura. B'hekk il-prezz jinqasam bejn 3 u kull Kunsill jkollu biss spiża ta' €650. Doggy Bags

Ippropona li din l-inizjattiva tiġi varata billi tiġi organizzata dawra bil-kelb bejn it-toroq konfinati tat-tlett lokalitajiet.

Il-Kunsill qabel unanimament.

V Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jipprovdi 200 xama' peress li nhar il-Ħadd ser issir il-purċissjoni bil-Madonna tar-Rużarju.

Il-Kunsill qabel.

8 **<u>Għeluq tal-Laqgħa</u>**

i Il-laqgħa ntemmet fis-8.00pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2013 fil-5.30pm.

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**